MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana**

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 11

It-Tnejn 30 ta' Marzu 2020

Il-Kunsill Lokali Il-Fontana ħa sehem f'laqgħa *online* permezz ta' *video call* fuq *Facebook Messenger* nhar it-Tnejn 30 ta' Marzu 2020 fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi-Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Jonathan Cefai - Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

### 11.1 Talba

11.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-5.00 ta' filgħaxija. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

### 11.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

11.2.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa, għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 11.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

11.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 10 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

11.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

11.3.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

11.3.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 11.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

11.4.1 Is-Sindku, s-Sur Saviour Borg, għarraf lill-membri li din il-laqgħa qiegħda ssir b'dan il-mezz minħabba s-sitwazzjoni straordinarja preżenti tal-imxija tal-virus COVID-19 u skont id-direttiva numru 2/2020 maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

11.4.2 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg informa lill-membri li tlesta x-xogħol ta' żebgħa fuq il-marki stradali ta' Triq il-Kappillan Guzeppi Hili, kif ukoll ix-xogħol tal-qtugħ tal-qasab mill-Wied li jagħti għax-Xlendi f'dik il-parti li taqgħa fil-konfini tal-Fontana.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

11.4.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li ġew imħassra diversi laqgħat li kienu skedati minħabba s-sitwazzjoni preżenti, fosthom laqgħa għas-Sindki mal-Ministru għal Għawdex l-Onorevoli Clint Camilleri, laqgħa mal-Avukat Dr Noel Camilleri li qed jagħtina l-pariri legali dwar ir-rapport tal-*belvedere* ta' Triq Ta' Mulejja, laqgħa ta' informazzjoni għar-residenti tal-lokalita' minn rappreżentant ta' WasteServ Malta Ltd, kif ukoll twaqqaf il-proċess biex jibda t-tqassim tal-boroż tal-iskart organiku mill-uffiċċju tal-Kunsill.

11.4.4 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Inġinier Charles Camilleri infurmah li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ser tiffinanzja l-bdil tal-main tad-drenaġġ kollu fil-parti ta' Triq il-Għajn fejn ser isir ix-xogħol ta' asfaltar, jiġifieri żdiedet dik il-parti kif talab il-Kunsill bejn Triq il-Qalb ta' Ġesu' u Triq il-Kappillan G Hili. Dwar ix-xogħol f'din it-triq ukoll kienet ser issir laqgħa mal-kuntrattur u mal-partijiet involuti iżda kellha titħassar minħabba s-sitwazzjoni preżenti, iżda ser jerġa' jsir kuntatt biex naraw meta ser jibda x-xogħol.

11.4.5 Is-Sindku informa lill-membri li minħabba x-xogħol li qed isir ta' organizzar tad-dokumenti u korrispondenzi tal-Kunsill, hemm bżonn isir xi xkaffar tal-injam biex jikkumplimenta l-ixkaffar li kellu l-Kunsill. Kien hemm qbil dwar dan mill-membri.

11.4.6 Is-Sindku għarraf lil-membri li hemm bżonn isir aġġornament tal-*website* tal-Kunsill biex ikun hemm il-fuljetti tal-Kunsill, ir-ritratti tal-membri tal-Kunsilli preċedenti u informazzjoni oħra aġġornata. Il-Kunsill qabel li l-ġbir tal-informazzjoni jsir mill-iskrivana.

11.4.7 Is-Sindku informa lill-membri li twaħlet tabella li fl-inħawi tat-toroq Triq John Gaspard Le Marchant u Triq il-Kardinal Alessandro Franchi ġie nstallat il-WiFi pubbliku wara li l-Kunsill kien issottometta applikazzjoni għal dan is-servizz. Huwa qal ukoll li kienet saret applikazzjoni oħra għal servizz ta' WiFi pubbliku fi Pjazza l-Għejjun u ġie nstallat dan is-servizz ukoll iżda tabella għadha ma twaħlitx f'dan il-post.

11.4.7 Is-Sindku għarraf lill-membri li wara direttiva maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali wara konsultazzjoni mal-Ministeru tas-Saħħa u mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, ġie deċiż biex il-*playingfields* jingħalqu għall-pubbliku. Is-Sindku informa lill-membri li l-*playingfield* tal-lokalita' ingħalaq immedjatament dakinhar li l-Kunsill irċieva din id-drettiva l-Ġimgħa 27 ta' Marzu 2020. Il-Kunsillier Horace

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

Micallef ippropona sabiex il-WiFi's fl-ispazzji pubbliċi jintfegħu wkoll sabiex ma jinġabrux nies f'dawn l-inħawi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

11.4.8 Is-Sindku informa lill-membri li hemm bżonn tinxtara xemgħa għal quddiem in-niċċa tas-Salvatur għat-tlett xhur li ġejjin jiġifieri għal April, Mejju u Ġunju.

11.4.9 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier Horace Micallef għal aktar informazzjoni dwar ilment li kien ressaq ta' ilma li qed jidħol minn taħt il-bankina fi Triq il-Kardinal Alessandro Franchi. Il-Kunsillier Horace Micallef indikalu eżatt quddiem liema residenza.

11.4.10 Is-Sindku ressaq suġġeriment mal-membri sabiex il-Kunsill ibiddel il-kuntratt preżenti li għandu mal-Enemalta dwar il-bejgħ ta' *units* li qed jiġu ġġenerati mill-pannelli solari li hemm fil-*playingfield* tal-lokalita'. Is-Sindku qal li minħabba li għadda l-perjodu tar-rata vantaġġjuża li biha l-Kunsill kien qed ibiegħ l-elettriku ġġenerat, huwa ppropona sabiex il-Kunsill jibdel il-kuntratt u jibda jikkonsma l-*units* iġġenerati mill-pannelli l-ewwel u mhux ibiegħ il-*units* kollha ġġenerati lill-Enemalta. Huwa qal li ġie nfurmat mis-Segretarju Eżekuttiv li preżentament, il-Kunsill qed ibiegħ l-*units* iġġenerati għall-prezz ta' €0.07 kull *unit* filwaqt li jixtri l-*units* li jikkonsma għall-prezz ta' €0.12 kull *unit*. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jintbagħat komunikat lill-Enemalta u jinbidel il-kuntratt.

11.4.11 Is-Sindku informa lill-membri li s-Segretarju Eżekuttiv irċieva talba mis-Sur Oliver Farrugia sabiex it-tabelli li kienu saru minn 'Oliver Smart Signs' u liema pagament ma kienx approvat mill-Kunsill jingħataw lura lilu. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

11.4.12 Is-Sindku għarraf lill-membri li bħalma ġie kkomunikat lilhom permezz tat-telefon mis-Segretarju Eżekuttiv aktar kmieni dan ix-xahar, il-Kunsill għamel applikazzjoni biex jiġġedded il-permess mal-Awtorita' tal-Ippjanar dwar l-iżvilupp tal-aħħar parti taċ-Ċentru Ċiviku fi 190/191, Triq il-Għajn k/m Triq Ta' Mulejja, il-Fontana. B'dan ġiet ukoll infurmata l-Awtorita' tal-Artijiet.

11.4.13 Is-Sindku informa lill-membri li l-awdituri tal-Kunsill bagħtu komunikat li minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-imxija tal-virus COVID-19, din is-sena mhux ser ikunu qed jagħmlu l-awditjar tagħhom fl-uffiċċju tal-Kunsill iżda ser jitolbu għad-dokumenti bħala *scanned copies*. Fuq l-

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

istess suġġett, il-Kunsill irċieva ċirkulari mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li wara qbil mal-Awditur Ġenerali ġie estiż il-perjodu biex il-Kunsilli jissottomettu l-*audited accounts* b'erba' ġimgħat. Dan ifisser li l-*audited accounts* bl-aġġustamenti u approvati mill-Kunsill iridu jaslu għand l-Awditur Ġenerali sat-12 ta' Ġunju 2020.

**11.5 Konferma tal-Kunsill tat-talba li kienet saret minn Kunsilli preċedenti dwar id-devoluzzjoni tal-Għejjun u l-inħawi;**

11.5.1 Is-Sindku informa lill-membri li rċieva komunikat mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali sabiex il-membri tal-Kunsill preżenti jikkonfermaw it-talba li kienet saret minn Kunsilli preċedenti fl-2008, fl-2011 u fl-2018, biex l-għejjun u l-inħawi jiġu devoluti lill-Kunsill. Huwa qal li waħda mill-affarijiet li kienet ġiet diskussa waqt il-laqgħa tas-Sindki fil-Parlament f'Jannar li għadda kienet id-devoluzzjoni tal-artijiet. Is-Sindku qal li reġgħet ġiet attivata l-applikazzjoni għal din it-talba u hemm bżonn konferma minn dan il-Kunsill.

11.5.2 Is-Sindku qal li l-Kunsilli preċedenti għamlu r-restawr tal-Għejjun, il-bini tar-repplika tal-Għajn tal-Loġoġ kif ukoll il-bankini tal-madwar bil-porfido u nefaq eluf ta' ewro f'dawk l-inħawi u peress li l-għejjun huma s-simboli tal-lokalita' jkun xieraq li dawn ikunu uffiċċjalment amministrati mill-Kunsill Lokali.

11.5.3 Wara diskussjoni dwar dan, il-membri kkonfermaw it-talba sabiex l-Għajn il-Kbira, L-Għajn ta' Bendu, ir-Replika tal-Għajn tal-Loġoġ u l-bankini li jiinsabu fi Pjazza l-Għejjun jiġu devoluti lill-Kunsill.

**11.6 Ħruġ ta' sejħiet għall-offerti;**

11.6.1 Is-Sindku informa lill-membri li llum għalaq iż-żmien fejn il-kuntratturi magħżula mill-Kunsill setgħu jissottomettu l-kwotazzjoni tagħhom. Dak il-ħin stess, waqt l-istess laqgħa infetħu l-kwotazzjonijiet li kienu ffirmati u ssiġillati mill-kuntratturi nfushom. L-offerenti kienu:

- Little Rock Quarry Ltd (kumpanija li tagħmel parti minn Road Construction Co Ltd.) - €117,067.26 inkluż il-VAT;
- GM Developments - €171,236.67 inkluż il-VAT;
- Joe Grima (Casa Restauro) - €83,087.40 inkluż il-VAT.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

Is-Sindku għarraf lill-membri li ser jiltaqa' l-bord tal-evalwazzjoni biex jiġġudika dawn l-offerti li se jkun magħmul mill-istess persuni li kienu fil-bord tal-istess offerta li kienet ħarġet f'Awwissu 2019. Il-bord se jkun magħmul minn William Sultana bħala *chairperson*, is-Segretarju Eżekuttiv bħala segretarju tal-bord, l-*Accountant* Daniel Galea, il-Perit John Saliba u l-Avukat Jonathan Mintoff. Kien hemm qbil mill-membri.

11.6.2 Is-Sindku informa lill-membri li s-sejħa għall-offerti għas-servizz tal-ġbir tal-iskart domestiku u organiku mil-lokalita' tal-Fontana għalqet fis-17 ta' Marzu 2020 u kien hemm offerent wieħed biss. Huwa qal li ser jiltaqa' l-bord tal-evalwazzjoni biex jaġġudika din is-sejħa li se jkun magħmul mill-istess persuni li kienu fil-bord tal-istess offerta li kienet ħarġet f'Mejju 2019. Il-bord se jkun magħmul minn William Sultana bħala *chairperson*, is-Segretarju Eżekuttiv bħala segretarju tal-bord, l-*Accountant* Daniel Galea, l-Inġinier Matthew Cauchi u l-Avukat Jean Paul Grech. Kien hemm qbil mill-membri.

11.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-membri li għalqet ukoll is-sejħa għall-kwotazzjonijiet għall-provvediment u l-installazzjoni ta' apparat ġdid tal-logħob għall-*playingfield* biex tinbidel il-*playhouse* eżistenti li għandha xi ħsarat strutturali. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-bord tal-evalwazzjoni jkun magħmul minn William Sultana bħala *chairperson*, is-Segretarju Eżekuttiv bħala segretarju tal-bord, is-Sindku Saviour Borg u l-Kunsilliera Carmel Farrugia u Jonathan Cefai li mistenni jiltaqa' fil-jiem li ġejjin.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

## 11.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

11.7.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 09/2020 għall-perjodu bejn il-25 ta' Frar 2020 u t-30 ta' Marzu 2020 li tammonta għal €17,843.74 ġiet approvata u ffirmata.

## 11.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

11.8.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-5.45 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 30 t'April 2020 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Minħabba li ssejħet laqgħa b'urġenza qabel l-aġġornament imsemmi, dawn il-minuti ġew ikkonfermati, illum l-Erbgħa 8 t'April 2020.

*IFFIRMATA*
Saviour Borg
Sindku

*IFFIRMATA*
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA